# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 13 ta' Lulju 2018**

**Numru 6**

**Rikors numru 358/2017**

**Pietro Blasina; u b'dikriet tal-10 ta' Ġunju 2014, wara l-mewt ta' Pietro Blasina, il-kawża tkompliet f'isem uliedu Sara Blasina u Mirta Blasina**

***v.***

***Xini Holdings Limited (C38234)* u Luisa Pedroni *sive* Pedroni Blasina għal kull interess li jista' jkollha; u b'dikriet tal-4 ta' Mejju 2016 l-Avukat Noel Cutajar u l-Prokuratur Legali Nadine Farrugia nħatru kuraturi biex jidhru f'isem is-soċjetà *Xini Holdings Limited***

1. Dan il-provvediment huwa dwar rikors ta' Sara u Mirta Blasina magħmul taħt l-art. 64 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili

biex jattakkaw taxxa ta' drittijiet ġudizzjarji maħruġa mir-reġistratur tal-qorti.

2. B'sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2016 fil-kawża fl-ismijiet Pietrio Blasina *et v. Xini Holdings Limited et* din il-qorti ikkundannat lill-atturi jħallsu l-ispejjeż tal-kawża. Inħarġet taxxa ta' spejjeż u drittijiet ġudizzjarji u l-atturi ġew imsejħa jħallsu d-drittijiet tal-kuraturi, b'kollox sebat elef, mitejn u ħamsa u tletin euro u disgħa u tletin ċenteżmu (€7,235.39), barra t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

3. L-atturi jgħidu illi t-taxxa ta' drittijiet ġudizzjarji nħadmet ħażin għax inħadmet *ad valorem* flok fuq punt ta' dritt. Għalhekk talbu illi din il-qorti tordna lir-reġistratur jaħdem it-taxxa mill-ġdid.

4. Ir-rikors ġie notifikat lill-kuraturi u lir-reġistratur, iżda mhux ukoll lill-konvenuta Luisa Pedroni *sive* Pedroni Blasina. Il-kuraturi wieġbu fil-15 ta' Settembru 2017 u r-reġistratur wieġeb fit-2 ta' Ottubru 2017.

5. Qabel ma jitqies il-meritu tat-talba tal-atturi, hemm dawn il-kwestjoni-jiet preliminari mqanqlin fit-tweġibiet u waqt it-trattazzjoni:

   i. jekk it-talba saritx fiż-żmien ta' xahar kif igħid u jrid l-art. 64 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

   ii. jekk l-azzjoni kellhiex issir kontra r-reġistratur u mhux kontra l-konvenuti fil-kawża li dwarha nħarġet it-taxxa;

   iii. jekk kellhiex tkun notifikata wkoll Luisa Pedroni *sive* Pedroni Blasina; u

iv. jekk l-azzjoni kellhiex issir quddiem qorti oħra u mhux quddiem din il-qorti.

6. Billi l-aħħar kwistjoni tolqot il-kompetenza ta' din il-qorti u, jekk insibu li l-qorti ma għandhiex kompetenza, lanqas ikollha kompetenza tiddeċiedi dwar il-kwistjonijiet l-oħrajn, jixraq illi qabel xejn inqisu din il-kwistjoni ta' kompetenza.

7. L-art. 64 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li taħtu saret din l-azzjoni igħid biss illi l-azzjoni għandha tinbeda b'rikors, magħmul qabel ma jagħlaq xahar, u għandha tiġi trattata "sommarjament mill-qorti" wara li r-rikors ikun notifikat "lil kull min ikollu interess fih". Ma jgħidx quddiem liema qorti għandu jsir ir-rikors. Ladarba l-artikolu relevanti ma jgħidx quddiem min għandha tinġieb il-kawża, għandhom japplikaw ir-regoli normali tal-proċedura li jirregolaw il-kompetenza tal-qrati.

8. Kif kien osservat minn din il-qorti f'sentenza mogħtija fid-29 ta' Lulju 2004 *in re* <u>Buttigieg *nomine et v* Cauchi *proprio et nomine et*</u> (39/1992/2), proċeduri taħt l-art. 64 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili huma proċeduri ġodda, għalihom, u mhux episodju fil-kawża li fiha nħarġet it-taxxa impunjata[1]. Għalhekk il-proċeduri taħt l-art. 64 huma proċeduri fl-ewwel grad u, ladarba l-Qorti tal-Appell ma hijiex qorti tal-ewwel grad, ma għandhiex kompetenza biex

[1] »L-azzjoni a bażi tal-artikolu 64 hija separata u indipendenti mill-proċeduri li jkunu ġew deċizi, in kwantu fiha l-qorti tintalab biex tikkunsidra xi ħaġa li ġrat wara d-determinazzjoni tal-kontestazzjoni li kellha quddiemha bejn il-kontendenti, f'dan il-kaz l-intaxxar tad-drittijiet u l-ispejjeż tal-partijiet u l-ħruġ tat-taxxa relattiva da parti tar-reġistratur.«

tismagħhom, bla ħsara għal dritt ta' appell taħt l-art. 41 tal-istess kodiċi *si et quatenus*.

9. L-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza għalhekk għandha tintlaqa'.

10. Ladarba għalhekk din il-qorti ma għandhiex kompetenza, għallinqas bħala qorti tal-ewwel grad, li tisma' din l-azzjoni, lanqas ma għandha kompetenza tqis il-kwistjonijiet l-oħra msemmija aktar 'il fuq fil-para. 5 ta' dan il-provvediment.

11. Il-*proviso* għall-art. 741(*b*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid illi:

> »… jekk il-qorti tikkunsidra li l-eċċezzjoni [tal-inkompetenza] hi ġustifikata, il-qorti għandha, permezz ta' digriet *in camera*, li ma jkunx appellabbli, tordna li l-atti tal-proċeduri jiġu trasferiti lill-qorti, bord jew tribunal li l-qorti tikkunsidra li għandhom jieħdu konjizzjoni ta' dik il-kawża.«

12. Fil-każ tallum il-valur tal-kontestazzjoni huwa ta' sebat elef, mitejn u ħamsa u tletin euro u disgħa u tletin ċenteżmu (€7,235.39), barra t-taxxa fuq il-valur miżjud, u għalhekk, kif igħid u jrid l-art. 47(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-materja taqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

13. L-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza ġiet trattata waqt is-smigħ u l-azzjoni ġiet differita għallum għall-provvediment kemm fuq il-meritu u kemm fuq il-kwistjoniiet preliminari. Għalhekk dan il-provvediment qiegħed jingħata quddiem il-qorti bil-miftuħ, flok *in camera* kif irid l-art. 741.

14. Il-qorti għalhekk tordna li l-atti jintbagħtu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex l-azzjoni tinstema' u tinqata' minn dik il-qorti.

15. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jħallsuhom l-atturi Sara u Mirta Blasina; l-ispejjeż l-oħra jkunu regolati fid-deċiżjoni finali.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df